LOMBARD

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Lombard Bank iżid il-profitti b' 26%**

Lombard Bank Malta p.l.c. u s-sussidjarji tiegħu irreġistraw qligħ qabel it-taxxa ta' Lm2.09 miljuni (€4.87 miljuni) għas-sitt xhur li għalqu fit-30 ta' Ġunju 2007. Dan ifisser żieda ta' 26% meta mqabbla ma l-istess perjodu ta' l-2006. L-*Earnings per Share* ukoll kompla jiżdied matul l-ewwel sitt xhur ta' l-2007 biex laħaq 16.1 ċenteżmi (37.50 ewro ċenteżmi) minn 12.7 ċenteżmi (29.58 ewro ċenteżmi) ta' l-2006.

- Il-qligħ wara t-taxxa attribwit lill-azzjonisti żdied bi 28.7% biex hekk laħaq Lm1.38 miljun (€3.21 miljuni) meta mqabbel ma Lm1.07 miljun (€2.50 miljuni) ta' l-2006.
- Opportunitajiet ġodda ta' negozju għenu biex in-*Net Interest Income* jiħaq Lm2.64 miljuni (€6.15 miljuni), żieda ta' 8.8% fuq l-istess perjodu tas-sena ta' qabel.
- L-*Operating Income* żdied bi 8.3% fuq is-sena ta' qabel, biex laħaq Lm3.08 miljuni (€7.18 miljuni).
- Il-*Cost-to-Income ratio* tal-*Group* kien 40.96% mqabbel ma 38.4% tas-sena ta' qabel. L-*Administrative expenses* ta' Lm1.20 miljun (€2.81 miljuni) żdiedu b' 16% fuq il-Lm1.04 miljun (€2.42 miljuni) tas-sena ta' qabel. Parti kbira minn din iż-żieda kienet dovuta għal spejjeż ta' *compliance* u spejjeż oħra assoċjati ma l-impjegati.
- Kien irregistrat ukoll tnaqqis ta' Lm176,000 (€410,000) mill-*Impairment Allowances.*
- Is-self lill-klijenti laħaq Lm102.24 miljuni (€238.15 miljuni), żieda ta' 13.3% fuq dak tal-31 Diċembru 2006.
- Fit-30 ta' Ġunju 2007 id-depożiti tal-klijenti kienu Lm176.16 miljuni (€410.35 miljuni) filwaqt li it-*Total Assets* kienu Lm204.79 miljuni (€477.04 miljuni), fejn hi riflessa *policy* li totjeni l-aħjar qligħ mill-assi amministrati.
- Il-fondi ta' l-azzjonisti żdiedu b' Lm1.16 miljun (€2.71 miljuni) għal-Lm20.25 miljuni (€47.17 miljuni) matul dan il-perjodu ta' sitt xhur.

Fit-30 ta' Lulju 2007, il-Bank ħareġ *Company Announcement* biex jinforma lill-publiku li s-sussidjarja tiegħu *Redbox Limited* daħlet fi ftehim mal-Gvern ta' Malta għal xiri ta' 25% oħra ta' l-*Issued and Paid-up share capital* tal-Maltapost p.l.c., liema ftehim hu suġġett għall-approvazzjoni tal-Kabinett.

Il-Bord tad-Diretturi huwa sodisfatt li l-Bank qiegħed sewwa fit-triq biex jilħaq l-oġġettivi tiegħu għas-sena 2007. Il-Bord huwa konvint li l-investiment kontinwu fl-infrastruttura u fl-impjegati ser jiġi premjat b'aktar tkabbir fin-negozju. Il-Bank iħossu li qiegħed f'posizzjoni tajba biex jissodisfa l-obligazzjonijiet tiegħu ta' *compliance*, inklużi dawk konnessi ma' SEPA; Basel II; MIFID, kif ukoll l-adozzjoni ta' l-ewro bħala l-valuta legali ta' Malta f'Jannar 2008.

Il-Bank ser ikompli d-dedikazzjoni tiegħu biex jilħaq il-ħtiġijiet tal-Maltin, kemm fin-negozju kif ukoll fis-settur kummerċjali, u jħares lejn it-tieni sitt xhur ta' l-2007 b' ottimiżmu.

Rata tal-kambju fit-30 ta' Ġunju 2007: €1=Lm0.4293

**Lombard Bank Malta p.l.c.**
Office of the Company Secretary: 67 Republic Street Valletta Malta • PO Box 584 Valletta CMR 01 Malta
Tel: +356 25581117 • Fax: +356 25581151 • e-mail: mail@lombardmalta.com • www.lombardmalta.com • SWIFT Code: LBMAMTMT
*Licensed to conduct Investment Services Business by the Malta Financial Services Authority • Regulated by the Malta Financial Services Authority & listed on the Malta Stock Exchange*
*Registered Office: 67 Republic Street Valletta Malta • Company Registration Number: C 1607*